**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 50

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 08 ta' Frar 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija kellu jiltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-05.00 ta' filgħaxija, pero minħabba l-maltemp din il-laqgħa saret onlajn. Dwar din id-deċiżjoni kien hemm qbil unanimu mas-Sindku u l-Kunsilliera kollha permezz tat-telefown, ftit minuti qabel bdiet is-seduta.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ħadd ma kien assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

50.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 49

50.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tad-disgħa u erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

50.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

50.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap ta' Minoranza Lorraine Farrugia, l-minuti tad-disgħa u erbgħin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

50.3.1 Is-Sur Dalli beda billi tkellem fuq il-Festival taċ-ċitru. Huwa qal kif bħala preparazzjonjiet għal dan il-Festival kien hemm kollox lest, pero fuq il-pariri li ttieħdu dwar it-temp mill-ewwel deher li dan ma kienx ser ikun favur tal-kunsill mis-Sibt filgħaxija. Kulħadd beda jistaqsi jekk it-temp ma jkunx daqshekk favur x'se jsir? Għalhekk ittieħdet deċiżjoni li l-aħjar li jitħassar kollox, speċjalment ghal dawk l-Għaqdiet volontarji u vendituri li kienu se jordnaw/ jippreparaw ikel, xorb u oġġetti oħra u kienu jispiċċaw ma jinbiegħux. Il-Mistoqsija kienet minn se jħallas għal dan kollu. Kien hemm qbil li kollox jiġi kkanċellat. Il-Larinġ ovvjamnet kien diġa laħaq inxtara u kellu jinbiegħ, bil-qliegħ tiegħu li ser imorru għal bżonnijiet tal-Paroċċa. Kollox inbiegħ u nġabret is-somma fi qliegħ u donazzjonijiet ta' EUR 505. Dawn se jiġu preżentati lil Kappillan fil-ġranet li ġejjin.

50.3.2 Is-Sindku qal li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' uffiċċjali ta' IM li qegħdin f'karigi għolijin biex jiddiskutu t-talba li għamel il-Kunsill dwar l-iskema tal-5000 sq.m ta' uċuħ ġodda fit-toroq tal-Lokalita għal din is-sena 2023. Il-Proposta tal-Kunsill intlaqat kollha u ġie diskuss il-pjan ta' kif ser isir u meta ser isir ix-xogħol. Il-Pavimentar tal-parti t'isfel ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni ser isir u dan mhux meqjus parti mill-5000 sq.m approvati. L-istess għal Triq is-Salvatur. Dawn ser ikunu qed isiru apparti. Is-Sur Dalli kompli jgħid li, IM ippreżentat il-kuntratt tax-xogħol fuq il-pavimentar ta' parti minn Vjal it-Trasfigurazzjoni biex jiġi maqbul u ffirmat. Immedjatament kif il-Kunsill irċieva dan il-kuntratt sar meeting mal-Perit tal-Kunsill Toni Bezzina u l-Kuntrattur Dimbros Ltd. Kien hemm xi kjarifikazzjoni dwar il-kuntratt u s-Segretarju Eżekuttiv għamlet kuntatt ma' IM dwar dan u hemm it-tweġiba li ser tiġi diskussa mal-Kuntrattur fil-jiem li ġejjien. It-Twegiba li kellu l-kunsill dwar il-kjarifika li saret ma tantx kienet pożittiva, għalhelkk il-kunsill għadu jrid jara jekk mhux ser jinstab xiftehim rigward din il-klawsola.

50.3.3 Is-Sur Dalli spjega kif f'dik il-ġimgħa kellu webimar mad-Dipartiment tal-Ambjent dwar proġett ta' Slow streets flimkien mal-Kunsill ta' Ħal-Balzan, Ħ'Attard, Gżira, Msida u Ta' Xbiex. L-LCA kienet preżenti u pproponiet li t-3 villaġġi, Lija, Balzan u Attard jingħaqdu flimkien biex jiksbu fondi tal-EU bil-kolloborazzjoni tad-Dipartiment tal-Ambjent għal dan l-iskop. Hemm xi problemi, li issa il-Kunsill ta' Ħal Lija qiegħed ma' Reġjun ieħor separat minn Ħal Balzan u Ħ'Attrad, kif ukoll li ż-żmien tal-applikazzjoni hu fil-qrb wisq biex jiġi ppreparat kollox. Issa ser issir meeting bejn it-3 kunsilli biex tinstab soluzzjoni dwar kif ser jaħdmu u jaraw jekk filkas iqabdux lil xi ħadd biex jieħu ħsieb l-applikazzjoni.

50.3.4 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħol ta' wiċċ ġdid li qed issir fi Triq is-Salvatur. Dan ix-xogħol qiegħed fi stadju avvanzat li daqt ser jibda jingħata l-wiċċ bit-tarmac. Inbidel l-main tal-ilma kullimkien inkluż parti minn Triq id-Dejqa. Il-Parti ta' isfel lejn il-ġnien inbidel ukoll il-main tad-dranaġġ. Hemm xi ftit ilmenti imma jidru li huma parzjalment solvuti.

50.3.5 Is-Sindku spjega kif il-gym u l-playingfield fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv huma lesti, jonqos biss it-twaħħil ta' xi 5 bankijiet u xi 2 bins li ser jitwaħħlu mill-ħaddiema tal-kunsill fil-jiem li ġejjin. Rigward id-Dawl ġdid li kellu jiġi installat hemm ftit ta' dewmien u dan għaliex il-ħaddid inqalalu aċċident u hu kien rikoverat l-Isptar. Issa jinsab id-dar u qed jagħmel mill-aħjar biex jaqdi l-kunsill biex xogħol li kellu jagħmel f'dan ir-rigward.

50.3.6 Is-Sur Dalli qal kif riċenti huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttv iltaqgħu ma' CEO ta' Lands Authority, dwar il-ġnien Ċentru Rikreattiv u l-biċċa art bil-ħamrija li hemm ħdejn it-Tennis Court. Land Authority għandha tagħmel ir-riċerki tagħha u tkellem lil Kunsill lura dwar l-andament tal-akwata kollha nvoluta.

*Il-Ħin kien 5:12pm x'ħin ingħaqad fis-seduta onlajn il-Viċi Sindku Daniel Mallia.*

## 50.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

50.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 50.5 Korrispondenza

50.5.1 Is-Sur Cini xtaq ikun jaf dwar xiex titratta korrispondenza numru 0029. Is-Sinjorina Borg infurmatu kif dik kienet titratta dwar korrispondenza bejn il-Kunsill u LESA fuq il-vann tal-elettriku li qiegħed fil proċess biex jixtri l-kunsill. LESA riedet ritratt tal-Vann li nxtara u l-kunsill wieġeb kif il-vann sissa ġie ordnat biss minn barra u għadu ma wasalx allura ritratt tal-vann ma jistax jiġi mibgħut. Barra minn hekk kienet qed issir komunikazzjoni dwar meta l-kunsill ser jiġbor iċ-ċekk tat-total tal-fondi mingħand LESA.

## 50.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Raba rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jannar sa Diċembru 2022

50.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-raba' rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2022. Kopja tar-rapport intbgħatet lil Kunsilliera kollha qabel is-seduta. L-*accountant* is-Sur Kevin Incorvaja ma kienx preżenti biex jispjega dan ir-rapport u għalhekk l-ispjegazzjoni ta' dan ir-rapport ingħatat mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Borg.

50.6.2 Is-Sinjorina Borg tat spjegazzjoni tar-rapport fejn qrat il-figuri kif ġej. Hija qalet li l-kunsill kellu dħul totali ta' €450,420, nefqa totali ta' €439,759 u dan irriżulta fi surplus ta' €10,661. Is-Sinjorina Borg kompliet tispjega r-rapport billi tat *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu kienet ta'97%. Il-cash balances fl-aħħar ta' dan il-perjodu kienu ta' €330,669 u l-kunsill irid jiftakar li parti minn dawn il-flus iridu jiġi riservati għall-iskemi li l-kunsill applika għalihom għaliex parti mill-flus diġa ġew mgħoddija lil kunsill, u apparti minn hekk hemm l-persentaġġ li jrid joħroġ il-kunsill ukoll. Dan ir-rapport juri li l-kunsill għamel użu tal-finanzi tiegħu b'mod dixxiplinat tul is-sena 2022 kollha.

50.6.3 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet addizzjonali li xtaqu jagħmlu. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

50.6.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondant mill-Kunsillier Joseph Zahra.

## 50.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Pjan ta' Ħidma (Business Plan) għall-perjodu 2023-2027

50.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja tar-rapport tal-pjan ta' ħidma (business plan) għall-perjodu 2023-2027. Dan ir-rapport ġie preparat bl-għajnuna tal-*accountant* inkonnessjoni mar-rapport finali tal-estimi finanzjarji għas-sena 2023, li ġie approvat fis-seduta ta' Diċembru 2022. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'imejl lil kunsilliera kollha. Preżenti waqt din il-laqgħa ma setax ikun hemm l-*accountant* tal-kunsill u l-ispjegazzjoni ta' dan ir-rapport ingħatat ukoll mis-Sinjorina Borg.

50.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan il-pjan ta' ħidma ġie ppreparat abbażi tal-budget 2023. Barra minn hekk dan il-pjan ta' ħidma simili ħafna għal pjan ta' ħidma li kien ġie preżentant għal ħames snin ta' qabel minn 2022-2026,

biss hemm xi tibdiliet żgħar. Għalhekk is-Sinjorina Borg qrat u spjegat fid-dettal l-overview tal-pjan ta' ħidma, li din ġiet ippreparatha mis-Sindku flimkien b'konsultazzjoni magħha.

50.7.3 Wara l-ispjegazzjoni tas-Sinjorina Borg, Is-Sur Dalli staqsa lil kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet. Mistoqsijiet fuq l-overiew li ġiet ippreparatha u l-figuri preżentati ma kienx hemm u dan ir-rapport ġie unanimament approvat fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia.

## 50.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2022

50.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport għadu qed jiġi ppreparat mill-accountant. Ser ikollha ssir laqgħa urġenti u din aktarx issir fil-15 ta' Frar biex dan ir-rapport ikun jista jerġa jiġi mtella għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill. Korrispondenza dwar meta eżatt ser issir din il-laqgħa urġenti u x'ħin ser tkompli għaddejja bejn is-Sindku u l-Kunsilliera kollha bl-imejl.

## 50.9 Aġġornament dwar il-proposti tal-ismijiet ġodda tat-toroq

50.9.1 Is-Segretarju Eżekkutiv tat aġġornament lil kunsilliera dwar il-proposti tal-ismijiet ġodda tat-toroq li l-kunsill kien diġa beda jiddiskuti dwarhom fi seduti preċedenti biex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet mal-kumitat tal-ismijiet tat-toroq.

50.9.2 Is-Sinjorina Borg qalet kif fis-16 ta' Jannar 2023, flimkien mas-Sindku hija attendiet laqgħa ma' żewġ uffiċċjali tal-kumitat tal-ismijiet tat-toroq, fejn saret taħdida dwar il-proposti tal-kunsill. Waqt din il-laqgħa hija u flimkien mas-Sindku ressqu l-proposti kollha li approva l-kunsill u jidher li suppost dawn il-proposti m'għandhomx għaliex ma jiġux milqugħa mill-kumitat. Għal kull proposta apparti li jingħata isem ġdid lit-triq, trid tingħata ukoll deskrizzjoni żgħira dwar l-isem mgħoti u ssir siteplan ta' fejn tinsab it-triq.

50.9.3 Is-Sinjorina Borg kompliet tgħid li aktarx ikun hemm problema biss, jekk il-kunsill isemmi ħafna toroq għal individwi partikulari li mietu mill-kamra tan-nar. Il-Kumitat donnu ma tantx japprova proposti ndividwali hekk għaliex kieku jagħmel hekk għal kull raħal u kamra tan-nar, li kieku l-lista ta' proposti tkun waħda twila li ma tispiċċa qatt. Filfatt iż-żewġ uffiċjali qalu li diġa kien hemm xi kunsilli lokali oħra li applikaw biex isemmu diversi toroq personali għal xi individwi li mietu fil-kamra tan-nar u l-proposti tagħhom ma ġewx milqugħa.

50.9.4 L-Uffiċċjali tal-Kumitat tat-toroq issuġġerixxew lil kunsill biex jekk filkas isemmi triq waħda għall vittmi kollha tan-nar u jingħata isem ġeneriku li fih jinkorpora lil vittmi kollha, bħal eżempju 'Triq il-vittmi tal-kamra tan-nar ta' Ħal Lija'. Il-Kunsilliera ma tantx ħadu pjaċir b'dan is-suġġeriment għal kollox pero ilkoll qablu li almenu aħjar mix-xejn u kien hemm qbil biex jekk filkas isir hekk u mqarr triq waħda tissemma għal vittmi kollha.

50.9.5 Fil-jiem li ġejjien il-Kunsill ser jibda jissottometti mal-Kumitat l-applikazzjonijiet bl-ismijiet li kien diġa qabel dwarhom il-kunsill. Għall- vittmi tal-kamra tan-nar ser tissemma triq waħda ġenerika u apparti minn hekk alissa l-isem Anthony Burgess li kien ġie ssuġġeriet mill-kumitat stess biex jingħata triq, ser jiġi maqbuż alissa sakemm l-kunsill isib triq addattata li jista jsemmiha għalih.

## 50.10 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

50.10.1 Lista ta' items oħra ta' xogħol ieħor tal-kunsill u lmenti ma kienx hemm għal din is-seduta.

## 50.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

50.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 02/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €76.06 għax-xahar ta' Jannar.

50.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 50.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

50.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, kien hemm applikazzjoni waħda, li skond l-informazzjoni li dejjem tagħmel u li tibgħat it-townplanner tal-kunsill hemm issuġġeriet biex issir oġġezzjoni. Is-Sinjorina Borg għamlet referenza għall-applikazzjoni numru PA 00336/23 fi Ġnien iż-Żebbuġ, Sqaq ta' Seguna, c/w Triq Ġannikol Buhaġiar, Lija. Ġie deċiż li l-ittra ta' oġġezzjoni għandha tiġi sottomessa u l-kunsill ser jimxi mal-parir li ġie mgħoti mit-town planner. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li jsir dan.

50.12.2 Is-Sinjorina Borg infurmat ukoll lil Kunsilliera kif dwar applikazzjoni numru PA 01594/21 fi Triq il-Forn,Sqaq nru 6, kienet għaddeja kawża l-Qorti u riċenti din il-kawża ngħatat verbalment biex l-iżvilupp propost ma jsirx. Il-Kunsill issa qed jistenna din in-notifika bil-miktub mill-Awtorita tal-Ippjanar jew li nkella tkun imniżla mar-rappreżentazjonijiet li tibgħat it-townplanner kull ġimgħa.

## 50.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

50.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

50.13.2 Il-Kunsillier Cini qal li avviċinawh xi nies dwar il-latrini tal-ġnien ċentru Rikreattiv fejn qalulu li kien hemm xi affarijiet mkissrin fil-latrina. Is-Sindku qal kif il-kunsill jaf diġa bl-affarijiet li hemm mkissrin u bil-vandaliżmu li sar għaliex il-kuntrattur li jnaddaf il-latrini nforma lilu personali u lill-amministrazzjoni wkoll. Dawn suppost ser ikunu qed jiġu rranġati u s-Sindku qal kif il-kunsill talab ukoll lil Pulizija ta' RIU biex jagħmlu rondi aktar frekwenti fil-ġnien ċentru rikreattiv kollu għax qed ikun hemm diversi abbużi u vandaliżmu simili.

50.13.3 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia tkelmet dwar il-parking (kaxxa safra) tas-sorijiet fi Triq Sir Ugo Mifsud. Hija għandha nformazzjoni li din il-kaxxa m'għadhix ta' użu u xi nies qed jitolbu għalhekk biex issir bajda. Is-Sur Dalli kkonferma li filfatt dik il-kaxxa is-safra għadt għandha użu u għalhekk mhux ser titneħħa alissa. Li ser titneħħa hija l-kaxxa li hemm fil-ġenb u filfatt is-Sindku qal li filgħodu dakinar stess kien qiegħed fuq il-post propju dwar dan.

50.13.4 Il-Kunsillier Cini tkellem dwar iż-żewġ parking bays bojod li hemm fi Triq Annibale Preca quddiem Villa Ateni li minħabba fihom ta' spiss jistaġna t-traffiku. Is-Sur Dalli wieġeb kif dawk il-parking bays daqt ser jitneħħew bi prova, pero kienet ix-xita u l-ħaddiema tal-kunsill kellhom anke xogħol ieħor ta' preċedenza għalhekk għadhom ma tneħħewx. Ser jitneħħew fil-jiem li ġejjien dalwaqt.

50.13.5 Il-Ħin kien 5:54pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 15 ta' Marzu 2023 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 15 ta' Marzu 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |